CCT/29/22/S

Ryan Church

vs

TEC Limited

Illum 18 t'April, 2024

It-Tribunal,

Ra t-Talba ta' Ryan Church ppreżentata fit-28 ta' Frar, 2022 u r-risposta tas-soċjeta' TEC Limited ippreżentata fit-8 ta' Marzu, 2022;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet, u kif ukoll it-trattazzjoni tagħhom magħmula waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2023;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar diversi oġġetti u ċioe' dekorazzjonijiet ta' matul tieġ li skont ir-rikorrenti ma twettqux u li xorta gew inkluzi fil-kont u tħallsu mir-rikorrenti lis-soċjeta' intimata;

Min-naħa tagħha, s-soċjeta' ntimata sostniet illi dik il-ġurnata tat-tieġ qam ħafna riħ li għamilha diffiċli jew impossibli li ċertu affarijiet li kienu ordnati, jitwaħħlu skont ix-xewqat tar-rikorrenti;

Illi l-obbligu tal-prova tinkompi dejjem lil min jallega u dan skond l-Artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi dan huwa element importanti fil-kamp ċivili u li min irid jiddeċiedi irid jagħmel dan a bażi tal-provi imressqa;

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Illi mill-provi imressqa quddiem dan it-Tribunal jirriżulta li t-temp dakinhar tat-tieġ kien wieħed tali illi kien hemm qawwa ta' riħ li għamilha diffiċli biex ċerta affarijiet li kienu ordnaw ir-rikorrenti jitqiegħdu jew isiru;

Illi ħarsa lejn ir-risposta tas-soċjeta' intimata tikkonferma illi għalkemm l-oġġetti kollha kienu ġew fornuti, dawn ma setgħux jitwaħħlu minħabba t-temp;

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-ittri T u R għalkemm fornuti kienu twaħħlu, pero b'konsegwenza tar-riħ kienu inkissru;

Illi għalhekk fil-konfront ta' dawn l-oġġetti jirriżulta illi dawn mhux biss ġew fornuti pero' anke twaħħlu;

Illi l-istess ma jistax jingħad fuq iż-żewġ affarijiet l-oħra u ċioe' il-qlub li kellhom jitwaħħlu mas-siġar, kif ukoll il-*white pop-up tent*, kif ukoll il-materjal abjad għal fuq is-saqaf li minħabba r-riħ ma setgħux jitwaħħlu;

Illi l-fatt illi dawn twasslu fuq il-post ma jfissirx illi dawn għandhom jiġu imħallsa min-naħa tar-rikorrenti ġjaladarba tali servizz ma ngħatax;

Illi fil-fatt l-istess soċjeta' intimata ikkonfermat li tlett oġġetti minn erbgħa ma ġewx esegwiti minħabba r-riħ qawwi li kien hemm fil-jum tat-tieġ.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' it-talba ta' Ryan Church, limitatament għas-somma ta' elf u ħamsa u sittin Ewro (€1,065), filwaqt illi Jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' TEC Limited u Jordna lill-istess TEC Limited tħallas lil Ryan Church is-somma ta' elf u ħamsa u sittin Ewro (€1,065), u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888